# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. MHALLEF**
**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' Nhar il-Hamis 18 ta' Ottubru 2018**

**Rikors Numru : 612/2015 JPG**
**Kawza Numru : 3**

**Raymond Cassar**
**vs**
**Montekristo Vineyards Limited**
**(C-32424)**

**Il-Qorti ;**

Rat ir-rikors ta' Raymond Cassar (ID 802057M) tal-24 ta' Lulju 2015 li jaqra hekk:

1) *Illi huwa kien impjegat tas-socjeta' intimata b'kuntratt tal-1 ta' Settembru 2008 bhala Sales Manager.*

2) *Illi fit-30 ta' Settembru 2014 tali impjieg gie tterminat peress illi konsegwenza ta' transfer of undertaking, l-impjieg tieghu ghaddha ghand il-kumpanija 'Montekristo Direct Ltd' b'effett mill-1 t'Ottubru 2014, u dan bl-istess kuntratt ta' mpjieg u bl-istess kundizzjonijiet tax-xoghol.*

3) *Illi ai termini tal-klawsola 5.1.3 tal-istess kuntratt ta' impjieg, ir-rikorrent huwa ntitolat ghal commissions on sales,*

4) *Illi sa' l-ahhar ta' Settembru 2014 kienu akkumulaw f'commissions on sales dovuti lir-rikorrent is-somma ta' tnax il-elf tlett mija u erba' u tmenien Ewro u erba'u tletin centezmu (€12,384.34), u dan wera illi kien sar l-ahhar hlas akkont fl-ammont ta'erba'mitt Ewro (€400) f'Mejju 2014.*

5) *Illi mat-tmiem ta' l-impjieg mas-socjeta' intimata dan il-hlas baqa' ma sarx, kif lanqas ma sar wara ittra interpellatorja tas-7 t'April 2015 u ittra ufficjali tat-12 ta' Mejju 2015 (1691/2015).*

6) *Illi minkejja diversi promessi verbali, tali hlas baqa' ma sarx.*

7) *Illi l-ammont huwa cert, likwidu u dovut u jezistu l-elementi kollha rikjesti mill-ligi ai termini tal-Artikoli 167-171 tal-Kap 12 tal-ligijiet ta' Malta, inkluz illi s-socjeta' intimata ma ghandhiex eccezzjonijiet x'taghti.*

***Ghaldaqstant****, ir-rikorrent jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex joghgobha :*

a) *Tipprocedi ghas-sentenza skond it-talba, bid-dispensa ghas-smiegh tal kawza ai termini ta' l-Artikoli 167 et seq tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.*

b) *Tiddikjara illi r-rikorrent ghandu jithallas mis-socjeta intimata s-somma ta' tnax il-elf, tlett mija u erba' u tmenien Ewro u erba' u tletin centezmu (€12,384.34), bilanc minn somma akbar u rapprezentanti commissions on sales lilu dovuti ai termini tal-kuntratt ta' l-impjieg tieghu.*

c) *Tikkundanna lis-socjeta' intimata thallas lir-rikorrent is-somma ta' tnax il-elf, tlett mija u erba' u tmenien Ewro u erba' u tletin centezmu (€12,384.34) ghar-ragunjiet hemm fuq indikati.*

*Bl-ispejjez kollha kontra s-socjeta' intimata u bl-imghax legali sad-data tal-pagament effettiv, liema socjeta' intimata hija minn issa ngunta ghas- subizzjoni."*

Rat illi ir-rikors promotur, d-digriet u l-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati lill-intimat;

Rat id-digriet taghha tal-15 ta' Lulju 2015 (a fol. 16);

Rat ir-risposta ta' Monte Kristo Vineyards Limited (C 32424) tat-30 ta' Lulju 2015 (a fol. 25 et seq) li taqra hekk:

1. *Illi preliminarjament ir-rikors promutur u l-azzjoni attrici huma nulli u bla effett fil-ligi in kwantu din l-Onorabbbli Qorti hija inkompetenti ratione materie, stante li kif espost fil-premessi attrici, din il-kawza hija bbazata fuq allegat ksur ta' kundizzjoni ta' mpjieg u ghalhekk il-kaz huwa wiehed li jaqa taht il-gurisdizzjoni esklussiva tat-Tribunal Industrijali, kif jipprovdi l-Kap 452 tal-Ligijiet ta'Malta.*

2. *Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, kif jirizulta ex admissis mill-premessi tar-rikorrenti, s-socjeta esponenti ma hijiex il-legittimu kontradittur tat-talbiet tar-rikorrenti izda se mai l-azzjoni attrici kella tigi diretta fil-konfront tas-socjeta Montekristo Direct Limited in vista ta' Transfer of Undertaking li sehh nhar 1-1 ta' Ottubru 2014.*

3. *Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-socjeta esponenti qatt ma qablet li thallas commissions li-rikorrent u lanqas qatt hallset lir-rikorrent xi commissions b'rabta ma l-impjieg tieghu u f'kaz li jirrizulta li r-rikorrent ha xi flejjes oltre l-paga tieghu minghajr il-kunsens tas-socjeta esponenti, is-socjeta esponenti minn issa tirriserva li tiehu l-azzjonijiet kollha spettanti lilha fil-ligi sabiex tirkupra tali flejjes.*

4. *Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost is-socjeta esponenti ma hijiex debitrici tar-rikorrent u jispetta lir-rikorrent igib prova tal-allegazzjonijiet u t-talbiet tieghu.*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri."*

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' Monte Kristo Vineyards Limited (C 32424) tat-30 ta' Lulju 2015 (a fol. 27et seq)

Rat is-sentenza in parte tas-16 ta' Mejju 2016, a fol 41;

Rat d-dokumenti u l-atti kollha tal-kawża;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

**Ikkonsidrat;**

**Ir-rikorrent Raymond Cassar** xehed a fol 49 *et seqq.* u kkonferma illi d-dokument a fol 17 *et seqq.* tal-process huwa l-kuntratt tal-impjieg tieghu, u fuq l-istess dokument gharaf il-firma tieghu u l-firma ta' Dr. Albert Caruana. Xehed illi huwa kien jahdem bhala *Sales Manager* mas-socjeta ntimata, u x-xoghol tieghu kien jikkonsisti fil-bejgh ta' xorb u s-supervizjoni tas-*salespersons* l-ohrajn. Zied illi hu kien beda f'dan l-impjieg fil-1 ta' Settembru 2008. Spjega illi skont il-klawsola numru 5.1.3 tal-istess kuntratt, huwa kienet intitolat ghal hlas ta' *commission* bir-rata ta' 2% ghal kull ammont ta' bejgh li kien jaghmel oltre is-sitt elef ewro (€6,000). Spjega wkoll li l-ammont dovut lilu kien jinhadem billi titnaqqas is-somma ta' sitt elef ewro mill-ammont li jkun biegh, u mbaghad hu jkun intitolat ghal 2% tal-ammont rizultanti. Kompla illi dan il-kalkolu seta' jsir peress illi kien hemm sistema komputerizzata li kien jiehu hsiebha d-dipartiment tal-*invoicing*, li kienet turi liema klijenti kienu qed jixtru, minn ghand liema *salesperson* u kemm kienu qed jixtru.

Xehed illi huwa dovut minghand is-socjeta ntimata s-somma ta' **€12,384**, rapprezentanti *commissions* dovuti lilu izda li baqghu ma thallsux ghal perjodu bejn l-1 t'Ottubru 2008 sa Settembru 2014. Spjega illi f'Settembru 2010, fiz-zmien meta l-manager tieghu kien Victor Bonello, huwa kienet inghata pagament li kienu qalulu kien ikopri l-*commissions* dovuti lilu ghaz-zmien li kienu ilu jahdem mas-socjeta ntimata. Xehed li wara din id-data, **huwa kien inghata xi pagamenti akkont, b'total ta' €2,300, permezz ta' numru ta' cekkijiet li kien jghaddihomlu Joseph Spiteri**, li kien jokkupa l-kariga ta' *General Manager*.

**Joseph Spiteri** xehed a fol 55 *et seqq.* illi huwa kien il-persuna inkarigata mill-operat tas-socjeta ntimata bejn is-snin 2008 u 2013. Xehed li r-rikorrent kien jahdem

mas-socjeta ntimata bhala *Sales Manager* fl-istess zmien. Ikkonferma li skont il-kuntratt t'impjieg tieghu, r-rikorrent kellu jithallas *commission* fuq il-bejgh li kien jaghmel. Zied li kien jaf peress illi kienu informawh kemm ir-rikorrenti u kif ukoll l-*Administration Officer* u anke ghaliex kellu kopja tal-kuntratt t'impjieg tar-rikorrenti. Ikkonferma li d-dokument esebit a fol 18 *et seqq.* huwa l-kuntratt t'impjieg tar-rikorrenti. Qal ukoll li hu kien filfatt **ghamel bejn sitta jew ghaxra hlasijiet ta' *commission* lir-rikorrent**. Qal illi dawn il-pagamenti ma kienux isiru b'mod regolari izda biss meta kien ikun f'posizzjoni ahjar mis-soltu, u **kkonferma li r-rikorrenti baqalu bilanc pendenti dovut lilu mis-socjeta ntimata fir-rigward ta' dawn il-*commissions.***

**In kontro-ezami** a fol 57 *et seqq.* xehed illi sa fejn jaf hu il-pagamenti ta' *commission* kienu dejjem isiru permezz ta' cekk. Xehed ukoll illi l-*Administration Department* kien johrog ircevuta li kienet tigi ffirmata mir-rikorrent. Xehed li s-sistema ghall-komputazzjoni tal-*commissions* dovuti kienet wahda kkomputerizzata u kien sabha lesta meta kien beda jahdem mas-socjeta ntimata. Mistoqsi min kien tah taghrif fuq din is-sistema wiegeb li kien certu Martin li pero ma kienx jiftakar kunjomu.

**Joseph Saliba,** rapprezentant ta' Jobs Plus xehed a fol 66A *et seqq.* u a fol 74 *et seqq.*, u a fol 112, b'referenza ghad-dokument immarkat JS a fol 67 spjega illi din il-lista tal-impjegati tas-socjeta ntimata hija ghall-perjodu bejn l-1 ta' Jannar 2010 sal-31 ta' Dicembru 2014. Spjega li dan huwa minkejja li d-dokument jindika li jibda mill-2012 mhux mill-2010, ghaliex dan kien zball tipografiku tieghu meta kien qed jirredigi l-lista (vide Dok JSX a fol 78 ghal verzjoni korretta).

**Dr. Albert Caruana** xehed a fol 76 illi bejn l-2006 sa circa Settembru jew Ottubru tal-2008 huwa kien CEO tas-socjeta ntimata. Ikkonferma li r-rikorrenti kien gie mpjegat mis-socjeta ntimata, u kkonferma wkoll illi fuq l-kuntratt tal-1 ta' Settembru 2008 a fol 18 *et seqq.* tidher il-firma tieghu. Spjega illi dan il-kuntratt kien wiehed *standard* li kienu jaghmlu mas-*salespersons* u li kien gie approvat mill-Bord kompost minn Tony Polidano, Dr. George Said u membru iehor li ma setghax jiftakar x'jismu. Qal li kienu filfatt id-diretturi tas-socjeta ntimata li kienu tawh struzzjonijiet sabiex jaghmel kuntratt biex jimpjega lir-rikorrent.

**In kontro-ezami** a fol 116 xehed illi huwa kellu kuntratt ta' General Manager mas-socjeta ntimata (Fol 125). Meta ngibditlu l-attenzjoni illi dan il-kuntratt ma jirreferix ghal Montekristo Vineyards izda ghal Montekristo Winery, li hija wkoll parti minn Polidano Group, xehed illi din il-kwistjoni kienet giet iccarata f'ittra datat 16 t'Ottubru 2006 bejn AC Consultancy Services u bejn Charles Polidano (Fol 133). Mistoqsi minn fejn jirrizulta li kellu s-setgha li jirraprezenta lis-socjeta ntimata, spjega illi skont dak il-kuntratt '*recruitments'* u '*personal matters'* huma ndikati bhala parti mir-responsabilitajiet tieghu. Zied illi lir-rikorrent ma kienx hu li sabu, izda kienu Charles Polidano u Tony Polidano li kienu qalulu biex jaghmel kuntratt lir-rikorrenti sabiex jibda jahdem maghhom. Spjega illi dak iz-zmien it-tmexxija tas-socjeta ntimata kienet fil-bicca l-kbira f'idejn Tony Polidano. Zied li kien hemm ukoll bord kompost minnu, Dr. George Said u Tony Polidano, u li kien f'dan il-bord li kien gie deciz sabiex is-socjeta ntimata timxi minn kuntratti fejn kienu jhallsu lis-*sales persons* paga fissa, ghall-kuntratti fejn is-*sales persons* kienu jithallsu *minimum wage* u *commission* fuq il-bejgh li jaghmlu, u li filfatt din id-decizjoni kienet waslet ghar-rizenja ta' wiehed mis-*sales persons.*

**Marlon Galea** xehed a fol 81 *et seqq.* illi huwa *payroll manager* mas-socjeta Polidano Group, u li minn fuq ir-*records* taghom u ta' Jobs Plus ma jirrizultax illi Dr. Albert Caruana qatt kien impjegat mas-socjeta ntimata, jew ma' Polidano Group in generali. Zied illi l-verifiki li ghamel huma ghall-perjodu bejn l-1982 u l-2016.

**Dario Caruana** xehed a fol 83 *et seqq.* illi huwa *accountant* ma' Polidano Group. Qal illi minn verifiki li ghamel li jmorru lura ghal-2008 ma jirrizultax illi r-rikorrent qatt thallas xi *commissions.*

**Grace Cilia** xehdeta fol 94 *et seqq.* li hija azzjonista tas-socjeta Montekristo Direct, gia Montekristo Vineyards. Spjegat illi hi u l-azzjonisti l-ohrajn kien hadu t-tmexxija tas-socjeta ntimata f'Ottubru 2014, u minn dak iz-zmien saret kumpanija gdid b'azzjonisti godda. Spjegat illi Montekristo Direct hadet l-impjegati kollha tas-socjeta ntimata bl-istess kondizzjonijiet li kellhom mas-socjeta ntimata. Xehdet illi f'Jannar 2015 kienet iltaqghat mar-rikorrent u s-*sales woman* l-ohra u kien dakinhar li saret taf ghall-ewwel darba bil-*commissions* u l-ftehim li r-rikorrenti kellu mas-socjeta ntimata, u dan billi kien qalilha u kien ukoll bghatilha kopja permezz ta'

*email* tal-kuntratt t'impjieg tieghu ffirmat minn Dr. Albert Caruana. Spjegat illi hija kienet ghaddiet dan il-kuntratt lil Ian Napier, li kien *manager* fi hdan Polidano Group, u kien irrizulta li Dr. Albert Caruana lanqas kien impjegat mas-socjeta ntimata dak iz-zmien u li Charles Polidano ma kienx jaf b'dan il-kuntratt. Xehdet illi mir-*records* tal-Payroll ma rrizulta l-ebda hlas ta' *commissions* lir-rikorrent minn meta hadet l-operat Montekristo Direct. Fir-rigward taz-zmien meta r-rikorrent kien ghadu mpjegat mas-socjeta ntimata spjegat illi hija kienet talbet informazzjoni u kienu qalula li l-*commissions* kien thallsu in kontanti.

**In kontro-ezami** a fol 97 *et seqq.* n-negozjati sabiex isir it-*transfer of business* saru fl-2014. Mistoqsi xi *due diligence* sar qabel dan xehdet illi hi u z-zewg azzjonisti l-ohra kienu marru jaraw l-operat, x'impjegati kien hemm u raw il-*payroll* u t-*termination* minn tal-impjegati, u m'ghamlu l-ebda investigazzjoni ohra. Ikkonfermat illi ma kienetx ezaminat il-kuntratt t'impjieg tal-impjegati u li filfatt l-ewwel darba li rat il-kuntratt tar-rikorrent kien f'Jannar 2015. Xehed li minn naha tas-socjeta ntimata, kien certu Marlon Sacco li kien qieghed jaghtiha nformazzjoni dwar l-impjegati, izda ma kienx qalilha dwar il-pretensjoni tar-rikorrent ghall-arretrati tal-*commissions* u li kien hemm proceduri dwar l-istess. Xehdet li ma tafx lill-Dr. Albert Caruana u qatt ma ltaqghat mieghu, u li hadd ma qalilha li kien impjegat jew konsulent tas-socjeta ntimata. Qalet ukoll li qatt ma rat ic-cekkijiet li kienu nghataw lir-rikorrent. Xehdet li hi m'ghamlet l-ebda verifiki dwar il-kuntratt tar-rikorrent peress li lilhom dejjem kien jghidlhom li l-pretensjoni tieghu ma kienetx fir-rigward ta' Montekristo Direct.

**In ri-ezami** a fol 109 xehdet illi sa fejn taf hi, r-rikorrent ma beda l-ebda proceduri kontra Montekristo Direct ghall-hlas ta' *commissions* allegatament dovuti minn Ottubru 2014.

**In kontro-ezami** a fol 109 *et seqq.* u mistoqsija sabiex tikkonferma illi r-rikorrent fetah kawza ta' tkeccija ngusta kontra Montekristo Direct li fiha wkoll thallab il-hlas tal-*commissions* xehdet illi ma tafx b'dawn il-proceduri.

**Ikkonsidrat;**

Permezz tat-tieni eccezzjoni preliminari taghha, s-socjeta ntimata eccepiet illi m'hijiex il-legittimu kontradittur tat-talbiet tar-rikorrent ghaliex semmai din l-azzjoni kellha tigi diretta kontra s-socjeta Montekristo Direct Limited in vista tat-Transfer of Undertaking li sehh fl-1 t'Ottubru 2014. Is-socjeta ntimata argumentat illi skont il-ligi, meta jsir *transfer of undertaking,* is-socjeta l-gdid tidhol ghall-obbligi u d-drittijiet kollha li jkun hemm fir-rigward tal-impjegati ezistenti. Ir-rikorrent minn naha tieghu jargumenta f'dan ir-rigward illi skont it-TUPE, sakemm ma jkunx hemm eskluzjoni specifika, ir-responsabbilita hija tat-tnejn. Argumenta illi skont it-TUPE Regulations, il-kumpanija responsabbli ghall-pretensjoni odjerna tar-rikorrenti hija proprju s-socjeta ntimata, u kien ghalhekk li l-kawza giet intavolata kontra s-socjeta ntimata u mhux kontra Montekristo Direct Limited.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Focal Maritime Services Company Limited vs Top Hat Company Limited** deciza mill-Qorti tal-Appell fid-9 t'April 2008 intqal illi:

> "***In linea ta' prinċipju ġenerali huwa, bla dubju, indiskuss illi d-deduzzjoni ta' konvenut f'ġudizzju trid, neċessarjament, titwieled minn rapport ġuridiku****, sija jekk dan jemani minn kuntratt, leżjoni ta' dritt minn intervent delittwuż jew akwiljan, ope successionis jew minn sitwazzjonijiet strutturalment komuni (ad eżempju, f'kondominju jew il-krejazzjoni ta' ċerti servitujiet****). Li jfisser, b'konsegwenza, illi kawża ma tkunx tista' tikkonsegwi l-iskop tagħha jekk mhux fil-konfront ta' dak li miegħu l-attur, għal xi waħda mill-konnessjonijiet aċċennati, għandu relazzjoni ġuridika***."

Hemm qbil bejn il-partijiet illi fl-1 t'Ottubru 2014 sar trasferiment ta' negozju bejn is-socjeta ntimata u Montekristo Direct Limited u li ghalhekk il-ligi applikabbli fir-rigward ta' din l-eccezzjoni hija L.S. 452.85: Regolamenti Dwar Harsien Tal-Impiegi fit-Trasferiment ta' Negozju.

Il-Qorti rat illi din il-legislazzjoni sussidjarja kienet giet emendata fit-30 ta' Dicembru 2014 permezz tar-Regolamenti tal-2014 li Jemendaw ir-Regolamenti dwar Harsien tal-Impiegi fit-Trasferiment tan-Negozju (A.L. 483 tal-2014). Qabel din l-emenda, ir-regolament relevanti ta' L.S. 452.85, u cioe 3A kien jipprovdi illi:

> "*Wara trasferiment, il-kuntratt tal-impieg ta' kull persuna li kienet ġiet impjegata minn min qed jittrasferixxi għandu jkollu effett daqs li kieku sar oriġinarjament bejn il-persuna hekk impjegata u l-persuna li qed tirċievi t-trasferiment.*
>
> *(2)* ***Mat-tlestija tat-trasferiment, id-drittijiet, is-setgħat, l-obbligi u r-responsabbiltajiet kollha ta' min jittrasferixxi, u li joħorġu minn jew huma konnessi ma' xi kuntratt tal-impieg kif imsemmi fis-subregolament (1) għandhom jiġu trasferiti lil min jirċievi t-trasferiment****:*
>
> *Iżda min jittrasferixxi għandu jirrifondi lil min jirċievi t-trasferiment għal ħlas ta' xi bonuses statutorji u income supplements skont il-liġi li huma relatati mal-perjodu fl-impjieg ma' min jittrasferixxi iżda li l-ħlas tagħhom jaqa' f'data meta l-impjegat ikun l-impjegat ta' min jirċievi t-trasferiment, u ħlas għad-dritt tal-leave annwali fuq bażi pro rata li ma jkunx ittieħed fil-perjodu tal-impjieg ma' min jittrasferixxi fir-rigward ta' dak il-perjodu li matulu min jittrasferixxi kien il-prinċipal, filwaqt illi min qed jitrasferixxi għandu jkollu d-dritt illi jiġi rrimborsat minn min qed jirċievi t-trasferiment fir-rigward ta' xi leave annwali li jkun ingħata lill-impjegat minn min qed jitrasferixxi qabel id-data ta' trasferiment illi jkun qabeż, bħala ammont, l-intitolament prorata tal-leave annwali sad-data tat-trasferiment...*"

Wara l-emendi pero, zdid ir-regolament 3B, skont liema:

> "***<u>Min jittrasferixxi</u> għandu jħallas u jonora kull debitu li hu dovut lil impjegati affetwati bit-trasferiment fir-rigward tar-relazzjoni ta' impieg li għandhom ma' min jittrasferixxi fir-rigward ta' pagi, pro rata bonuses u weekly allowances dovuti sat-tmiem tar-relazzjoni ta' impieg ma' min jittrasferixxi, sad-data tal-ħlas ta'pagi li jkun imiss*** *u li tkun immedjatament wara it-trasferiment tan-negozju jew ta' parti min-negozju li kienet ser tkun id-data tal-ħlas ta' pagi li jkun imiss kieku l-impjegati konċernati baqgħu f'relazzjoni ta' impieg ma' min jittrasferixxi.*"

Jidher ghalhekk illi l-posizzjoni inbidlet drastikament permezz tal-emendi tal-2014. Peress illi dawn l-emendi dahlu fis-sehh xi zmien wara li sehh it-trasferiment ta' negozju bejn is-socjeta ntimata u Montekristo Direct Limited, ghandu jigi ezaminat liema posizzjoni hija applikabbli ghal dan il-kaz.

Skont l-artikolu 9 tal-Att dwar l-Interpretazzjoni:

> ***"Kull ligi maghmula wara l-bidu fis-sehh ta' dan l-Att bis-sahha ta' setgha moghtija b'xi Att mghoddi qabel jew wara l-bidu fis-sehh ta' dan l-Att tista', kemm-il darba ma jkunx jidher hsieb kuntrarju fl-Att li jaghti dik is-setgha, tkun retroattiva ghal kull data li ma tkunx qabel il-bidu fis-sehh ta' dak l-Att jew, meta disposizzjonijiet differenti tieghu jkunu jibdew isehhu f'dati differenti, li ma tkunx qabel il-bidu fis-sehh tad-disposizzjoni li bis-sahha taghha ssir il-ligi sussidjarja."***

L-artikolu tal-Att dwar l-Impjiegi u r-Relazzjoni Industrijali li jaghti lil Ministru responsabbli s-setgha li jaghmel regolamenti taht l-istess Att huwa l-artikolu 48 (2) li jipprovdi illi:

> ***"Il-Ministru jkollu s-setgħa li jagħmel regolamenti biex jitwettqu u jingħataw effett kull diżpożizzjoni ta' dan l-Att fuq***

> ***kull materja li għandha x'taqsam ma' relazzjonijiet ta' impieg u ma'relazzjonijiet industrijali.***

Is-sub-inciz (3) imbaghad jikkjarifika illi:

> "***Mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità tas-setgħa mogħtija bis-subartikolu (2), ir-regolamenti jistgħu -***
>
> ***(a) jippreskrivu l-mod u ċ-ċirkostanzi li fihom persuni li jkunu 'l fuq mill-età obbligatorja għall-iskola, kif imfisser fl-Att dwar l-Edukazzjoni, u li ma jkunux għadhom għalqu t-tmintax-il sena, jistgħu jaħdmu, inkluża s-setgħa li ċerti kategoriji jew klassijiet ta' impieg jiġu dikjarati bħala impiegi projbiti għal dawnil-persuni;***
> ***(b) jippreskrivu dwar il-proċedura li għandha tiġi segwita mill-Bord dwar ir-Relazzjonijiet dwar l-Impiegi, inkluż il-mod li bih issir il-votazzjoni u li jimtela l-post ta' xi membru li jitbattal, il-mod li bih jitmexxa x-xogħol u l-quorum meħtieġ għal dan ix-xogħol;***
> ***(ċ) jippreskrivu d-drittijiet li għandhom jitħallsu dwar kull ħaġa meħtieġa jew li tista' ssir skont dan l-Att;***
> ***(d) jippreskrivu jew mod ieħor jipprovdu għal kull ħaġa li għandha jew tista' tiġi preskritta jew provdut għaliha b'dan l-Att jew b'regolamenti magħmulin taħtu.***"

Fil-fehma tal-Qorti ma jidhirx illi l-Att dwar l-Impjiegi u r-Relazzjoni Industrijali ma taghtix setgha lil Ministru responsabbli li jaghmel ligi sussidjarja b'effett retroattiv. Ghalhekk il-ligi applikabbli hija l-ligi kif emendata.

Skont ir-regolament 3B, il-kumpanija responsabbli ghall-hlas ta' pagi, pro rata bonuses u weekly allowances dovuti sat-tmiem ta' relazzjoni t'impjieg bejn is-socjeta li qed titrasferixxi u l-impjegat hija is-socjeta li qed titrasferixxi. Il-Qorti rat illi l-pretensjoni tar-rikorrent tiratta dwar *commissions* li kien jinhadmu pro rata skont il-valur tal-bejgh li kien jaghmel, sa' Settembru 2014. Ghalhekk huwa car illi

skont il-ligi, il-kumpanija li ghandha twiegeb ghal din l-azzjoni hija s-socjeta ntimata.

Ghaldaqsant it-tieni eccezzjoni tas-socjeta ntimata qed tigi michuda.

**Ikkonsidrat;**

Fil-meritu s-socjeta ntimata teccepixxi illi hija qatt ma qablet li thallas *commissions* lir-rikorrent u lanqas jirrizulta li qatt hallset xi *commissions*. Fit-trattazzjoni tieghu, l-abbli difensur tas-socjeta ntimata jargumenta illi skont il-ligi Maltija, il-kuntratt verbali wkoll jorbot lill-partijiet u ghalhekk m'ghandux mis-sewwa illi r-rikorrent jistrieh fuq il-kuntratt t'impjieg prezentat in atti. Fir-rigward tal-kuntratt t'impjieg tar-rikorrent, s-socjeta ntimata targumenta illi l-fatt li Dr. Albert Caruana kellu posizzjoni ta' *manager* fil-kumpanija ma jfissirx li kellu r-rapprezentanza legali tal-kumpanija, u jghid illi dan filfatt ma jirrizultax mill-atti prezentanti mir-rapprezentant tal-MFSA. Skont is-socjeta ntimata ghalhekk, galadarba r-rikorrent ma rnexxilux jipprova illi Dr. Albert Caruana kellu r-rapprezentanza legali tal-kumpanija, it-talba tieghu ma tistghax tigi milqugha.

Rigward l-interpretazzjoni tal-kuntratti, il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **John Zammit vs Michael Zammit Tabone pro et noe** deciza mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Frar 1997 fejn intqal illi:

> ***"Meta l-kliem ta' l-att huma cari, l-interpretu ghandu joqghod ghal dawn il-kliem u mhux jirrikorri ghall-kongetturi" (Vol. XXXVI.i.191). Skond kif osservat il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza 'Sciberras Trigona vs Aneico' deciza fis-6 ta' Ottubru 1883, "quando le parole dell'atto sono chiare si deve stare alla lettera dell'atto". U f'dan il-kaz, kif jiddikjaraw u jaqblu l-kontendenti, il-kliem fuq riportati huma cari u univoci – anke jekk huma jaslu ghall-konkluzjonijiet dijametrikament opposti dwarhom. Pero' fl-applikazzjoni tar-regoli ta' interpretazzjoni ma hijiex l-interpretazzjoni tal-kontendenti ghall-kliem tal-konvenzjoni jew is-sens divers minnhom lilhom mghoti li jiswa***

> ***imma hu l-qari oggettiv tal-gudikant li jaghti lill-kliem is-sens ordinarju tieghu fil-kuntest ta' kif gie uzat mill-kontraenti li ghandu jghodd. Jekk ghall-gudikant id-dicitura uzata ma tistax ma twassalx oggettivament ghal sens car u univoku, hu dan is-sens li ghandu jfisser il-volonta' espressa mill-kontraenti fil-konvenzjoni taht ezami. Hu biss "meta t-termini tal-kuntratt huma oskuri li jrid jigi konsidrat dak li l-partijiet kontraenti riedu…. Hija norma ta' interpretazzjoni stabbilita mill-ligi, illi meta l-espressjonijiet fil-konvenzjoni skond is-sens lilhom attribwit mill-uzu fl-epoka tal-kuntratt, huma cari, m'hemmx lok ghal ebda interpretazzjoni" (Vol.XXXIV.i.27)."***

Fuq l-istess linja ta' hsieb, fis-sentenza fl-ismijiet **Anton Spiteri vs Alfred Borg** deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-30 ta' Novembru 2000 intqal fir-rigward tal-interpretazzjoni tal-kuntratti illi:

> ***"…hawn japplika l-principju stabbilit fl-artikolu 1002 tal-Kap 12, fejn meta il-kliem ta' konvenzjoni mehud fis-sens skond l-uzu tal-kuntratt, hu car, ma hemmx lok ta' interpretazzjoni, ghaliex tali interpretazzjoni, anke supplita minn xhieda, tista' tinghata biss sabiex telucida l-iskrittura jew il-kuntratt f'xi patt incidentali jew accessorju taghha" ("Carmela Borg vs Bartolomeo Xuereb" - A. C. 30 ta' Marzu 1997)."***

Fis-sentenza fl-ismijiet **John Spiteri et vs Popeye Investments Limited** deciza mill-Qorti tal-Appell fit-3 ta' Novembru 2006 gie rrilevat illi:

> ***"kif ravvizat fis-sentenza fl-ismijiet Elena Micallef v. E. Ciantar (Vol.X.345) deciza fit-3 ta' Jannar 1884 "quando sorgono difficolta' sulla intelligenza delle condizione di un contratto e sulle conseguenze, la legge forinisce alcune norme indicative e dimostrative e criteri diretti come mezzi d'interpretazione, senza vincolare la liberta; del giudicante,***

***tenuta a prendere in calcolo le circostanze speciali in ciascun caso".***

***"Hawnhekk opportun li jigu ribaditi certi principji regolanti materji ta' kuntratti –***

***i) F'materja kontrattwali l-ftehim hu ligi ghall-partijiet kontraenti (Art. 992 (1) Kodici Civili; Carmelo Bajada noe v. Fr. S. Cachia et noe (A.K. deciz 16 ta' Lulju 1973);***

***ii) Ir-regola fundamentali hija dettata mill-Artikolu 1002 tal-Kodici Civili li jghid li meta l-kliem tal-kuntratt mehud fis-sens li ghandu skond l-uzu fiz-zmien tal-kuntratt, hu car m'hemmx lok ghall interpretazzjoni (Vol.XXXIV.i.p27). L-interpretazzjoni ghandha tittiehed mill-atti innifsu u mhux minn provi estraneji, specjalment meta l-interpretazzjoni hija relattiva ghall-kwistjoni principali".***

***iii) Illi meta s-sens letterali tal-kelma ma jaqbilx ma' l-intenzjoni tal-partijiet kontraenti kif tidher car mill-pattijiet mehudin flimkien, ghandha tipprevali l-intenzjoni. Dwar dan din il-Qorti, diversament presjeduta, spjegat illi "din ir-regola ghandha tigi sewwa apprezzata u applikata. Irid jirrizulta bla dubju li s-sens tal-kwalsola li tkun jista' biss jigi nterpretat b'mod univoko ghax hu car. Irid jirrizulta wkoll li dan is-sens car tal-kliem ma jkunx jaqbel ma' dak li kellhom f'mohhom il-partijiet kollha u mhux ma' dak biss li xi wahda mill-partijiet kellha f'rasha u dan irid jidher mill-pattijiet kollha tal-kuntratt mehudin flimkien ("J. Bartolo et v. A. Petroni deciza 7 ta' Ottubru 1997")".***

***iv) Fl-applikazzjoni tar-regoli ta' interpretazzjoni mhux l-interpretazzjoni tal-kontendenti ghall-kliem tal-ftehim jew is-sens divers li huma jaghtu lill-kliem li jiswa imma dak li***

> ***huwa importanti "hu l-qari oggettiv tal-gudikant li jaghti lill-kliem is-sens ordinarju tieghu fil-kuntest ta' kif gie uzat mill-kontraenti li ghandu jorbot (J. Zammit v. Michael Zammit Tabone et noe – Appell Superjuri deciz 28 ta' Frar 1997).*"**

Kif gie osservat fis-sentenza fl-ismijiet **Charles Zammit Endrich vs Direttur tax-Xogholijiet et** deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-30 ta' Mejju 1973:

> **"*Provi orali imbaghad ma humiex ammissibbli kontra l-miktub hlief biex jigu delucidati xi punti oskuri fih jew f'kaz ta' impunjazzjoni tieghu, jew meta jigu offerti biex tigi mfissra ahjar l-intenzjoni tal-partijiet fejn l-espressjonijiet miktuba jkunu gew espressi b'mod ambigwu jew oskur, jew meta jrid jigi pruvat xi fatt incidentali jew accessorju li jkun konciljabbli mill-att. Meta ftehim ikun gie nkorporat fi skrittura, il-presunzjoni hija illi dak li riedu jiftehmu fuqu l-kontraenti gie nkorporat fiha u mhux lecitu illi wiehed mill-partijiet jinkludi fil-ftehim klawsoli ohra li ma jirrizultawx (App. Civili 16/6/1958 Grech vs Said, Vol. XLIII.i.369(377) u sentenzi hemm citati)".***

Dwar dan, anke fis-sentenza fl-ismijiet **Lay Lay Company Limited vs L-Ghajn Construction Company Limited** deciza mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Gunju 2011:

> **"*…kif inghad fis-sentenza "Emmanuel Avallone vs Centru Speranza fl-Inkapacitati" (P.A. (RCP) – 28 ta' Frar 2002) dan huwa wkoll konformi mal-principju 'contra scriptum non est argumentum', li jibqa' japplika sakemm ma tingiebx prova li tali skrittura hija nieqsa minn xi element kostituttiv taghha.*"**

Bl-istess mod, kif intqal fis-sentenza fl-ismijiet **Gemma Fenech vs John Bugeja** deciza mill-Qorti tal-Appell fl-20 ta' Ottubru 2003:

> "***Illi imbaghad ferm assodat bhala principju ta' interpretazzjoni illi "contra testimonium scriptum, testimonium non scriptum non aufetur". Dan fis-sens illi mhux ammess illi provi orali jfissru dak li fih innifsu huwa diga car ("Joseph Gatt vs Joseph Galea", Appell Civili, 14 ta' April 1975) u l-kontraenti ma jkunux jistghu jipprovaw permezz ta' testimoni dak li ma jirrizultax, jew jirrizulta eskluz, mill-istess kuntratt (Vol. XXXIX.iii.p855 u r-rassenja ta' gurisprudenza f'din is-sentenza kontemplata.***"

Inoltre, intqal fis-sentenza fl-ismijiet **Gloria mart Jonathan Beacom et vs L-Arkitett u Nginier Civili Anthony Spiteri Staines** deciza mill-Qorti tal-Appell fil-5 ta' Ottubru 1998 illi:

> "***...l-principju kardinali li jirregola l-istatut tal-kuntratti jibqa' dejjem dak li l-vinkolu kontrattwali ghandu jigi rispettat u li hi l-volonta' tal-kontraenti kif espressa fil-konvenzjoni li kellha tipprevali u trid tigi osservata. Pacta sunt servanda.***"

Illi ghalhekk is-socjeta ntimata ma tistghax tippretendi illi l-Qorti tiskarta l-kuntratt t'impjieg prezentat in att ghaliex is-sistema legali taghna tirrikonixxi illi kuntratt verbali jista' wkoll jorbot lill-partijiet. Kif intqal fil-gurisprudenza hawn fuq citata, kontra l-miktub m'hijiex ammissibli prova orali, u dan specjalment meta dan il-kuntratt verbali msemmi fit-trattazzjoni ma ssemmiex fir-risposta guramentat u ma gew prezentati l-ebda provi fuqu. Kif inhuwa risaput, *quod non esti in acti non est in mundo.*

Fir-rigward tal-argument relatat mal-posizzjoni ta' Dr. Albert Caruana, il-Qorti rat illi skont ix-xhieda ta' Dr. Caruana, huwa kien gie struzzjonat minn Charles Polidano u Tony Polidano sabiex jirredigi kuntratt t'impjieg ghar-rikorrent. Dr. Caruana xehed fir-rigward tal-kuntratt illi dan kien wiehed *standard* ghas-*sales person*, li kien gie approvat mill-Bord tad-Diretturi. L-istess xhud spjega wkoll illi kien gie miftiehem minn Bord kompost minnu, Dr. George Said u Tony Polidano, illi minflok jibqghu

isiru kuntratti t'impjieg fejn *salespersons* jinghataw paga fissa biss, il-kuntratti jibdew isiru b'tali mod illi r-remunerazzjoni tas-*salespersons* tkun tikkonsisti f'paga minima u hlas ta' *commissions* skont il-bejgh li jkun ghamel dak is-*sales person* partikolari. Fil-fehma tal-Qorti, ix-xhieda ta' Dr. Caruana hija kredibbli u verosimili; ix-xhud zamm ferm il-verzjoni tieghu fid-darbtejn li gie prodott biex jixhed, u minn naha taghha s-socjeta ntimata ma produciet l-ebda xhud li b'xi mod ikkontradica l-verzjoni ta' Dr. Caruana. Filfatt, il-Qorti tinnota illi ghalkemm il-posizzjoni tas-socjeta ntimata kienet illi hija ma kienetx tat il-kunsens taghha illi r-rikorrent jithallas xi *commissions*, u wara li r-rikorrenti produca kopja tal-kuntratt t'impjieg tieghu fl-istadji inzjali tal-kawza, is-socjeta ntimata kjurjozament ghazlet li ma tipproduci lil ebda wiehed mid-diretturi taghha sabiex ikun jista' jaghti l-verzjoni tieghu dwar x'suppost kienu l-kondizzjonijiet t'impjieg tar-rikorrent, jew imqar min impjegah.

Huwa stran ukoll illi fit-trattazzjoni taghha, s-socjeta ntimata hadet il-posizzjoni illi Dr. Albert Caruana ma kellux is-setgha li jidher fuq kuntratti u jorbot lil kumpanija, **meta fir-risposta guramentata taghha ikkonfermat illi r-rikorrent huwa mpjegat taghha**. Ghaliex jekk Dr. Albert Caruana ma kellux is-setgha li jorbot lis-socjeta ntimata kontrattwalment, dak li jsegwi logikament m'huwiex illi wahda biss mill-klawsoli tal-kuntratt in kwistjoni ma torbotx lis-socjeta ntimata, izda proprju illi l-kuntratt shih ma jorbotx lill-kumpanija.

Anke kieku kellu jigi accettat illi Dr. Albert Caruana ma kellux ir-rapprezentenza legali tas-socjeta ntimata, il-Qorti tqis illi xorta wahda l-eccezzjonijiet fil-meritu tas-socjeta ntimata huma nfondati. Il-Qorti taghraf illi hija massima bazika tal-ligi illi l-kuntratti ghandhom jigu esegwiti bil-buona fede u hija massima wkoll importanti tal-procedura li *omnia praesumuntur rite ac solemniter esse acta*. Biex din l-ahhar imsemmija prezunzjoni ma tavverrax ruhha, ikun irid jigi pruvat jew li t-terza persuna kienet ben konxja li min kien qed jidher fuq il-kuntratt ghan-nom tal-kumpanija ma kellux l-awtorizzazzjoni mehtiega mir-regolamenti interni tal-kumpannija, biex jorbot lill-istess kumpannija jew inkella jkunu jirrizultaw cirkostanzi partikolari li ragonevolment kellhom inisslu suspett f'dik it-terza persuna li l-istess direttur ma kienx debitament awtorizzat li jorbot lill-kumpannija.[1]

[1] Vide **Edwin Zammit et vs Socjeta' Group 9 Ltd,** Qorti tal-Appell deciza 12 Frar 2004.

Kif intqal fis-sentenza fl-ismijiet **Deidre Cachia et vs Gaba Diamonds Company Limited** deciza mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Novembru 2003:

> "*…kuntrarjament ghal dak li tipprovdi l-ligi dwar ir-registrazzjoni u pubblikazzjoni ta' l-istatut ta' socjeta` (Art. 16 tal-Ordinanza - gia Kap 168 tal-Ligijiet ta' Malta), liema registrazzjoni u pubblikazzjoni jirrendu l-att kostituttiv tas-socjeta` facilment accessibbli ghall-pubbliku, kull resoluzzjoni mehuda mid-diretturi tas-socjeta` fejn direttur jew sahansitra terz li ma jkunx qed jokkupa tali kariga, jigi awtorizzat jirrapresenta lis-socjeta` fuq atti pubblici jew skritturi li jorbtu lill-istess socjeta`, ma tinghatax il-pubblicita` rikjesta billi mhux mehtieg li tali resoluzzjoni tigi presentata lir-Registratur tal-Kumpaniji. Minn dan isegwi li* ***t-terz ma ghandu ebda possibilita` li jivverifika jekk il-persuna ma min jkun qed jikkuntratta hijiex debitament awtorizzata li torbot il-kumpanija.***
>
> *Huwa minnu li meta r-rappresentanza fattwali tikkuntrasta mal-provvedimenti tal-istatut tas-socjeta` jew mal-ligi, huwa fid-dmir tat-terz interessat li jitlob konferma tal-mandat tal-parti li tkun qed tirrapresenta s-socjeta`. Biss,* ***meta c-cirkostanzi jkunu tali li jinducu f'dak li jkun il-konvinciment morali u legali li s-socjeta` qed takkonsentixxi ghal dak li qed isir*** *billi, bhal fil-kaz in ezami, jkunu presenti d-diretturi kollha jew il-maggioranza taghhom ghall-iffirmar tal-istess skrittura,* ***kwalunkwe nuqqas tekniku tad-diretturi ma ghandux jippregudika t-terz****.*
>
> [...]
>
> *In tema tar-ratifika tacita tajjeb li jigi rilevat illi anke fil-kaz tal-kunsens tacitu il-gurisprudenza irragunat li kien hemm bzonn essenzjalment ta' zewg rekwiziti cioe` li dak li jikkonsenti jkun*

*pjenament konsapevoli tal-vera portata u l-effetti tal-att li jinghad li wiehed tacitament jikkonsenti jew jaccetta, u di piu` illi l-komportament tieghu jkun tali li jkun inkonciljabbli mal-volonta` tieghu li jzomm fermi d-drittijiet tieghu, b'mod li l-kondotta tieghu ma tistax tigi spjegata b'mod iehor hlief li huwa jkun accetta l-operat li ghalih ikun qed jigi allegat li akkonsenta.*"

Hija l-fehma konsiderata ta' din il-Qorti illi c-cirkostanzi f'dan il-kaz kienu altru bizzejjed sabiex jwasslu ghall-konvinciment morali u legali tar-rikorrent illi Dr. Albert Caruana kellu s-setgha li jiffirma l-kuntratt t'impjieg tar-rikorrenti ghan-nom tal-kumpanija. Dan mhux biss ghaliex Dr. Albert Caruana kienet General Manager tas-socjeta ntimata, u kien inkarigat minn, fost ohrajn, l-ingaggar t'impjegati, izda specjalment ghaliex ir-rikorrent kien fl-impjieg tas-socjeta ntimata mill-1 ta' Settembru 2014 sat-30 ta' Settembru 2014, u cioe ghal ftit aktar minn erba' snin, sakemm sar it-trasferiment tan-negozju ma' Montekristo Direct Limited. Anke meta sar dan it-trasferiment, l-impjieg tar-rikorrent gie trasferit lil Montekristo Direct Limited skont il-ligi, minghajr ma qamu ebda kwistjonijiet rigward il-valida tal-kuntratt t'impjieg tar-rikorrent, u r-rikorrent baqa' impjegat ma' Montekristo Direct Limited sal-24 t'Ottubru 2016.

Il-Qorti tqis ghalhekk illi kieku kellu jigi accettat illi Dr. Albert Caruana ma kellux is-setgha li jorbot il-kumpanija, li l-fatt li s-socjeta ntimata zammet lir-rikorrent fl-impjieg taghha ghal dawk is-snin kollha, necessarjament ifisser illi hija rratifikat il-qaghda tacitament. Ikkonsidrat illi r-rikorrent ghamel snin jithallas paga regolari minghand is-socjeta ntimata, huwa verament inverosimili illi s-socjeta ntimata qatt ma saret taf bir-rikorrent. Bhal m'huwa wkoll inverosimili illi ma kienetx taf bil-kuntratt tieghu, meta, sabiex ir-rikorrent jithallas il-paga mensili tieghu, kopja tal-kuntratt tieghu kellha necessarjament tkun f'idejn is-socjeta ntimata sabiex id-dipartiment appozitu jkun jista' jista' jaffetwa l-hlas tas-salarju tieghu kull xahar.

Il-Qorti rat illi skont klawsola 5.1.3 tal-kuntratt t'impjieg tar-rikorrent, huwa kien intitolat ghal *commission* ta' 2% fuq il-valur ta' bejgh oltre €6,000 li jkun ghamel is-

*sales team.* Il-Qorti ezaminat il-komputazzjonijiet maghmula mir-rikorrenti, u sabet illi huwa minnu li r-rikorrent hu dovut €12,384.33, kif jidher mill-iskeda li gejja:

| Data | Valur ta' bejgh | Tnaqqis | **Commission Dovuta** |
|---|---|---|---|
| Ottubru 2010 | €6,360.92 | €6,000 | **€7.22** |
| Novembru 2010 | €28,845.58 | €6,000 | **€456.91** |
| Dicembru 2010 | €4,227.11 | €6,000 | **€0** |
| Jannar 2011 | €22,866.30 | €6,000 | **€337.33** |
| Frar 2011 | €7,125.73 | €6,000 | **€22.51** |
| Marzu 2011 | €12,148.17 | €6,000 | **€122.96** |
| April 2011 | €13,804.20 | €6,000 | **€156.08** |
| Mejju 2011 | €10,589.20 | €6,000 | **€91.78** |
| Gunju 2011 | €12,671.62 | €6,000 | **€133.43** |
| Lulju 2011 | €16,545.48 | €6,000 | **€210.91** |
| Awissu 2011 | €17,315.70 | €6,000 | **€226.31** |
| Settembru 2011 | €6,399.75 | €6,000 | **€8.00** |
| Ottubru 2011 | €6,360.92 | €6,000 | **€7.22** |
| Novembru 2011 | €28,845.58 | €6,000 | **€456.91** |
| Dicembru 2011 | €4,227.11 | €6,000 | **€0** |
| Jannar 2012 | €7,769.44 | €6,000 | **€35.39** |
| Frar 2012 | €7,917.78 | €6,000 | **€38.36** |
| Marzu 2012 | €9,071.92 | €6,000 | **€61.44** |
| April 2012 | €12,658.29 | €6,000 | **€133.17** |
| Mejju 2012 | €14,836.80 | €6,000 | **€176.74** |
| Gunju 2012 | €21,618.46 | €6,000 | **€312.37** |
| Lulju 2012 | €29,127.12 | €6,000 | **€462.54** |
| Awissu 2012 | €21,579.18 | €6,000 | **€311.58** |
| Settembru 2012 | €25,547.72 | €6,000 | **€390.95** |
| Ottubru 2012 | €23,759.60 | €6,000 | **€355.19** |
| Novembru 2012 | €27,027.64 | €6,000 | **€420.55** |
| Dicembru 2012 | €20,367.31 | €6,000 | **€287.35** |
| Jannar 2013 | €48,731.80 | €6,000 | **€854.64** |
| Frar 2013 | €15,256.42 | €6,000 | **€185.13** |

| | | | |
|---|---|---|---|
| Marzu 2013 | €17,140.10 | €6,000 | **€222.80** |
| April 2013 | €30,321.98 | €6,000 | **€486.44** |
| Mejju 2013 | €25,306.09 | €6,000 | **€386.12** |
| Gunju 2013 | €25,938.83 | €6,000 | **€398.78** |
| Lulju 2013 | €32,850.35 | €6,000 | **€537.01** |
| Awissu 2013 | €23,839.13 | €6,000 | **€356.78** |
| Settembru 2013 | €32,136.64 | €6,000 | **€522.73** |
| Ottubru 2013 | €37,074.01 | €6,000 | **€621.48** |
| Novembru 2013 | €27,027.64 | €6,000 | **€420.55** |
| Dicembru 2013 | €20,367.31 | €6,000 | **€287.35** |
| Jannar 2014 | €29,765.37 | €6,000 | **€221.35** |
| Frar 2014 | €24,199.64 | €6,000 | **€363.99** |
| Marzu 2014 | €23,356.46 | €6,000 | **€347.13** |
| April 2014 | €33,983.33 | €6,000 | **€559.67** |
| Mejju 2014 | €32,920.13 | €6,000 | **€538.40** |
| Gunju 2014 | €44,060.02 | €6,000 | **€761.20** |
| Lulju 2014 | €46,340.96 | €6,000 | **€806.82** |
| Awissu 2014 | €41,349.44 | €6,000 | **€706.99** |
| Settembru 2014 | €41,685.88 | €6,000 | **€713.72** |

**Dawn jammontaw ghal €15,522.28 li minnhom iridu jinqatghu €2,300 li gew imhallsa lir-rikorrenti b'total finali ta' €13,222.28.**

Minkejja illi jidher illi r-rikorrenti ghandu jiehu 'il fuq minn dak li talab u cioe' 'il fuq minn **€12,684.33** , din il-Qorti hija prekluza milli takkorda aktar mis-somma mitluba.

Ghaldaqstant, l-eccezzjonijiet fil-meritu tas-socjeta ntimata huma nfondati u qed jigu michuda.

**Ghal dawn il-motivi, l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha tas-socjeta ntimata, u tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-ewwel talba tar-rikorrent, tilqa' l-bqija tat-talbiet tar-rikorrenti u:**

***a)*** **Tiddikjara illi r-rikorrent ghandu jithallas mis-socjeta'intimata s-somma ta' tnax il-elf, tlett mija u erba' u tmenien Ewro u erba' u tletin centezmu (€12,384.34), bilanc minn somma akbar u rapprezentanti commissions on sales lilu dovuti ai termini tal-kuntratt ta' l-impjieg tieghu.**

***b)*** **Tikkundanna lis-socjeta' intimata thallas lir-rikorrent is-somma ta' tnax il-elf, tlett mija u erba' u tmenien Ewro u erba' u tletin centezmu (€12,384.34), bl-imghax dekoribbli mid-data tan-notifika tar-rikors guramentat, u cioe mis-7 ta' Lulju 2015, sad-data tal-pagament effettiv.**

**L-ispejjez kollha ghandhom jithallsu mis-socjeta ntimata.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**